TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha 9 ta' Dicembru 2016

Avviz Nru 18/2016

Paul Portelli u Agnes Portelli

Vs

William Portelli u b'digriet tat-13 ta' Settembru 2016 l-avukat Dottor Angele Formosa assumiet l-atti ghall-imsiefer William Portelli.

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenut jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' elf erba mija u hamsin Ewro (€ 1450) in lineja ta' danni subiti minnhom meta l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin u wara li harat raba tal-Wilga sitwata bejn ix-Xewkija u n-Nadur, qered iz-zergha li kien hemm f'dik l-ghalqa. Dan bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Illi l-konvenut irrisponda illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u d-danni reklamati ma humiex ppruvati jew sostanzjati.

Ra' u sema l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' l-atti tal-kawza 22/2014 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Sezzjoni Generali fl-istess ismijiet deciza fit-12 ta' Jannar 2016.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-8 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.
Ra' l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi dwar l-fatt ta' l-ispoll ma ghandu jkun hemm l-ebda kwistjoni. Dan hu ikkonfermat b'res iudicata minn sentenza tal-Qorti.

Mir-ritratti esebiti dan it-Tribunal jista jikkonstata illi l-hsara kienet wahda konsiderevoli fejn iz-zergha ta' ghalqa shiha gie meqrud ghal kollox.

Gie pruvat illi l-atturi huma bdiewa li jrabbu l-annimali u ghalhekk jirrekkjedu ammont ta' zergha fis-sena. Jiehdu din iz-zergha kemm minn l-eghlieqi li jahdmu kif ukoll billi jixtru minn ghand terzi.

It-Tribunal jista jifhem illi l-hsara subita kienet wahda li affettwat lil atturi u li per konsegwenza ta' l-istess hsara riedu jirrimpjazzaw iz-zergha meqrud b'xiri min ghand terzi. Ir-ritratti a fol 267 ikkonfermaw l-entita tal-hsara.

Id-danni huma kwantifikati fin-nota guramentata a fol 16 tal-process liema kwantifikazzjoni ma hija kontradetta minn imkien. Ghal kuntrarju din hija konfrmata minn l-affidavit ta' Jesmond Xerri a fol 22 tal-process.

Il-konvenut bl-ebda mod ma irribatta l-provi ta' l-attur; anzi prova jinqeda b'nies li flagrantament xhedu l-falz.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut William Portelli sabiex thallas lill-atturi is-somma ta' elf erba' mija u hamsin Ewro (€ 1450) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur